MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 769/2002

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Schembri & Sons Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u wiehed u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1,581.40), liema somma kienet dovuta ghall-kiri ta' *concrete pump* da parti tas-socjeta' attrici a favur is-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta' Ottubru, 2002, u bl-imghax legali dekorribbli mit-tletin (30) ta' Ottubru, 2002, sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma gew ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero’ zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta’ April, 2003, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------